MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 52/2006/1

**Maltacom plc**

**vs**

**Kevin Vassallo**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Lulju, 2006, gie moghti s-segwenti digriet kamerali fl-ismijiet premessi mill-Qorti Civili tal-Magistrati:-

"Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur;

Rat id-digriet taghha datat l-4 ta' Lulju 2006;

Rat ir-risposta datata l-14 ta' Lulju 2006;

Rat l-Artikolu 166(A) tal-Kap 12;

Tichad it-talbiet tar-rikorrenti.”

Ir-rikorrenti Kevin Vassallo hassu aggravat bl-ordinanza ta’ l-ewwel Qorti u talab li din tigi dikjarata nulla. Il-punt legali minnu sottomess jirrigwarda r-rit li kellu jigi segwit f’ kaz ta’ talba oppozitorja ghat-titolu ezekuttiv kostitwit bl-ittra ufficcjali tal-kontroparti. Huwa jikkontendi li talba bhal din ma kellhiex tigi deciza b’ semplici digriet kamerali imma b’ sentenza definittiva;

L-attijiet tal-kaz quddiem l-ewwel Qorti jipprovdu din is-sekwela:-

(i) Is-socjeta` Maltacom intavolat ittra ufficcjali datata 14 ta’ Ottubru 2005 fit-termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 ghall-hlas ta’ l-uzu tas-servizz tat-*telephone*;

(ii) Billi ma saretx opposizzjoni l-istess socjeta` pprocediet ghall-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru;

(iii) Fit-3 ta’ Lulju 2006 l-appellanti ressaq rikors fejn adduca li hu ma kienx gie notifikat kif imiss bl-ittra ufficcjali;

(iv) B’ digriet kamerali tat-28 ta’ Lulju 2006 l-ewwel Qorti ddisponiet mir-rikors billi cahditu. Hu dan id-digriet li l-appellanti qed jimpunja bl-appell introdott minnu;

L-Att IX ta’ l-2004 jintroduci fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili rit specjali innovattiv fil-kaz ta’ djun li huma certi, likwidi u skaduti u li l-valur taghhom ma jkunx jeccedi l-hamest elef lira (Lm5000). Dan permezz ta’ l-Artikolu 166A, li fid-diversi subincizi tieghu jipprovdi dwar il-fomalita`, il-kontenut u n-notifikazzjoni ta’ l-ittra ufficcjali, l-opposizzjoni ghaliha mid-debitur fiz-zmien statutorju prefiss, il-kostituzzjoni ta’ dak l-att gudizzjarju f’ titolu ezekuttiv in mankanza ta’ opposizzjoni u d-dritt residwali koncess lid-debitur biex jitlob ir-rexxissjoni u n-nullita` tat-

titolu ezekuttiv ghal xi wahda mill-ipotesijiet stabbiliti fis-subinciz (5) tieghu. Jigifieri, f' kaz li l-ittra ufficcjali ma tkunx giet notifikata lilu kif imiss jew din tkun nieqsa mir-rekwiziti preskritti fis-subincizi (1), (2) u (3) ta' l-imsemmi artikolu. Fil-kaz in ezami l-appellanti opta ghall-impunjattiva fuq il-bazi ta' l-ewwel ipotesi, u, cjoe, li l-ittra ufficcjali ta' l-14 ta' Ottubru 2005 ma gietx regolarment notifikata lilu;

Fuq l-interpretazzjoni taghha tal-volonta` legislativa, dezunta mil-vot tal-ligi, din il-Qorti ttendi b' ragunar, kemm logiku kif ukoll guridiku, illi l-aggravju ta' l-appellanti hu wiehed ghal kollox sostenibbli;

Biex issostni din l-affermazzjoni taghha l-Qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) L-ewwelnett, l-ezistenza ta' titolu ezekuttiv tikkostitwixxi l-kondizzjoni necessarja ghall-ezercizzju ta' l-azzjoni esekuttiva u din, skond il-Kodici ritwali, ghandha tigi dejjem verifikata "*d' ufficio*" mill-gudikant. Dan, *multo magis*, fi proceduri appoziti ta' opposizzjoni ghal dak it-titolu ezekuttiv;

(2) Gjaladarba, kif kontemplat fis-subinciz 5 ta' l-Artikolu 166A, dik l-opposizzjoni ghandha b' oggett l-accertament ta' vizzju ta' notifikazzjoni ta' l-att li jkun ikkreja t-titolu ezekuttiv, jew dik ta' l-irregolarita` formali tieghu, hu mistenni li l-istharrig opportun jitmexxa bir-rit kontenzjuz;

(3) Dan, fil-fehma ponderata tal-Qorti hu hekk ovvju in kwantu, taht il-profil strutturali, il-process introdott bl-ittra ufficcjali ghandu insit fih, bil-kontemplazzjoni ta' opposizzjoni ghalih, il-forma ta' process kontenzjuz ordinarju;

(4) Hemm imbaghad esigenza ohra dettata minn vizjoni ta' dak aspettat li jkun ottenut, jigifieri r-rexxissjoni u n-nullita` ta' l-istess titolu ezekuttiv attakkat. Anke minn

dan hu evidenti illi l-"*voluntas legislatoris*" hi dik li l-investigazzjoni tat-talba tendenti ghal dan l-iskop tigi affrontata fi procediment kontenzjuz;

(5) Rigwardata l-materja minn din l-ottika, taht il-profil tal-principju tas-smiegh xieraq, ghandu jkun daqstant iehor evidenti illi l-opposizzjoni tad-debitur ghat-titolu ezekuttiv tesigi illi, permezz tal-kontradittorju bejn il-partijiet, id-debitur isemma lehnu, iressaq il-provi okkorrenti u jaghmel is-sottomissjonijiet li jidhirlu xierqa;

Fuq il-kunsiderazzjonijiet hawn maghmula fejn gie determinat li l-procedura necessarja ghandha tkun wahda kontenzjuza, ghandu jikkonsegwi illi l-provvediment moghti mill-ewwel Qorti, 'l hinn minn procediment veru u proprju ta' opposizzjoni ghall-att ezekuttiv, mhux biss ma ghandux kontenut decizorju izda ghandu, invece, jitqies radikalment null. Dan ghal motiv illi tali provvediment ma jistax jinghad li hu attinenti ghall-ispirtu tal-ligi kif johrog mill-vixxri tas-subinciz (5) tal-precitat Artikolu 166A;

Din il-konkluzjoni tal-Qorti hi rafforzata mill-konsiderazzjoni agguntiva illi lanqas ma jidher li dak il-provvediment kamerali jirrientra f' dik it-tipologija ta' gudizzju ta' opposizzjoni ghat-titoli ezekuttivi traccjati fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Ara, ad ezempju, l-Artikolu 466 tieghu, riferibilment ghall-procedimenti ghall-hlas ta' krediti mill-Gvern. Proprju fuq dan l-ahhar artikolu din il-Qorti, kif presjeduta, kellha, fuq kwestjoni konsimili, l-okkazjoni tesprimi ruhha hekk:-

"Fil-hsieb konsiderat ta' din il-Qorti, din l-infondatezza, o meno, ma kellhiex tigi determinata b' semplici digriet kamerali u minghajr approfondiment tal-meritu tal-vertenza izda fi procediment *ad hoc* ta' opposizzjoni ghall-att ezekuttiv. Provvediment bhal dak moghti mill-ewwel Qorti mhux biss ma ghandux kontenut decizorju kif suppost, izda huwa, dejjem fil-fehma ta' din il-Qorti, radikalment null in kwantu ma huwiex rikonducibbli ghal dak il-gudizzju li, skond il-Kodici ritwali, irid jigi zvolt

bi procediment kontenzjuz u, sussegwentement biss, konkjuz bi provvediment li jivvesti l-karattru ta' sentenza" ("**It-Tabib Principali tal-Gvern -vs- Golden Shepherd Group Ltd**", 11 ta' Jannar 2006). Dan ir-ragonament ghandu, *mutatis mutandis*, jghodd ukoll ghall-fattispeci tal-kaz prezenti;

Konkjuz li l-provvediment moghti f' dan il-kaz kien wiehed irregolari, mhux il-kaz li l-Qorti tintrattjeni ruhha dwar l-aggravju l-iehor ta' l-appellanti fil-mertu, anke ghaliex dan ghandu jibqa' impregudikat ghall-verifika dwaru mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell u b' hekk tannulla d-digriet kamerali moghti fit-28 ta' Lulju 2006. Tirrinvija l-atti lura lill-ewwel Qorti biex din tistharreg l-mertu tar-rikors prezentat lilha skond il-ligi, fl-ambitu tal-kunsiderazzjonijiet superjorment esposti. Fic-cirkostanzi, huwa xieraq li l-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------